MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 659/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Carmen ALI EMARA [ID. Nru. 325977(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-20 ta' Settembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf tlett mija wiehed u sebghin euro u tlieta u hamsin centezmu ta' euro [€1,371.53] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, tlett mija u wiehed u sebghin ewro u tlieta u hamsin centezmi (€1,371.53) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C1053819 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C51053819 u Dok IZY 3 –

estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-3 ta’ Ottubru, 2012, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012, nhar it-22 ta’ Ottubru, 2012, nhar id- 29 ta’ Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-29 ta’ Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf tlett mija wiehed u sebghin euro u tlieta u hamsin centezmu ta’ euro [€1,371.53], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------